**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 2.11.08**: **TIFKIRA SOLENNI TAL-MEJTIN KOLLHA.**
Fil-għodu l-quddies ikun bħas-soltu ta' nhar ta' Ħadd.
Fil-għaxija **fit-3.30p.m**. nitilqu pellegrinaġġ lejn iċ-Ċimiterju. X'hin naslu jkun hemm Konċelebrazzjoni b'suffraġju tal-fidili mejtin kollha, u wara jsir it-tberik ta' l-oqbra.
Min jieħu sehem jista jirbaħ l-Indulġenza Plenarja.
**IL-ĦAMIS, 6.11.08:** L-Ewwel Ħamis tax-Xahar
**Fis-7.15a.m.** ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.
**Fis-6.00p.m.** konċelebrazzjoni mis-saċerdoti tal-parroċċa biex ifakkru l-ordinazzjoni saċerdotali u t-twaqqif ta' l-Ewkaristija. Waqt din iċ-ċelebrazzjoni jsir talb bis-salmi flimkien mal-komunita' preżenti.
**IL-ĠIMGĦA, 7.11.08:** L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.
Illum nieħdu sehem fil-quddiesa u nagħmlu tqarbina riparatriċi.
Illum ikun hawn Ġesu' Espost għall-Adorazzjoni tagħna mit-8.00 sal-11a.m. u mis-2.30p.m. 'l quddiem.
Nagħmel appell biex insibu ftit ħin ħalli ngħadduh ma' Ġesu' Sagramentat.
**Fis-6.00p.m**. qudiesa bis-sehem attiv taż-Żgħażagħ.
**Fit-8.30p.m.** Quddiesa ta' l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar għall-Gradwati u membri tal-Professjoni, fil-knisja ta' Santu Wistin. Ikun hemm ukoll l-possibiulta' tal-qrar
**Fis-6.30p.m.**il-laqgħa ta' formazzjoni bi tħejjija għall-Missjoni Djoċesana, se ssir fil-parroċċa tagħna. Din tkun fil-knisja u tkun miftuħa għal kulħadd. Nagħmel stedina lil kulħadd biex napprofittaw minn dan it-tagħlim.

**IL-ĦADD, 9.11.08:** FESTA TAD-DEDIKAZZJONI TAL-BAŻILIKA TAL-LATERAN.
ILLUM FIL-PARROĊĊA TAGĦNA NAGĦMLU
**IL-FESTA TA' SAN ADEODATO MARTRI.**
**Fit-3.30p.m**. Ružarju
**Fil -4.00p.m**. quddiesa Kantata u ssir l-omelija dwar San Adeodato u dritt wara toħrog il-purċissjoni bil-Korp ta' dan il-Qaddis.
Nistiednu lil kulħadd jieħu sehem fil-purcissjoni u nitolbu għas-suċċess tal-Missjoni Djoċesana.
Il-Purċissjoni tgħaddi mit-toroq Pjazza tal-knisja, Dun Xand Aquilina, Santa Marija u Ċenc.
Il-ġabra li ssir llum fil-knisja tkun għar-restawri

## LAQGĦA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ F'MALTA
Nhar it-Tlieta, 4 ta' Novembru se ssir għaż-Żgħażagħ Għawdxin li jaħdmu jew jistudjaw f'Malta. Se tkun fil-Kappella ta' l-Universita' u tibda fis-**7.15p.m.**

## FIERA TAL-KTIEB
Il-Librerija Preca tas-Soċjeta' tal-Museum se tagħmel l-Fiera tal Ktieb fis-Sala tas-Seminarju bejn il-Ħadd, 2 ta' Novembru u l-Ħadd 9 ta' Novembru.
Il-Ħinijiet tal-ftuħ ikunu hekk: 8.30a.m. sa nofs inhar u mill-4.00p.m. sat-8.00p.m.

## LAQGĦAT DWAR IL-LITURĠIJA
Se jsiru żewġ laqgħat dwar il-Liturġija minn Professuri Taljani esperti fil-Liturġija. Dawn se jkunu f'Dar Manresa It-Tnejn 10 u l-erbgħa 12 ta' Novembru. Il-laqgħat jibdew fil-**5.00p.m**. Is-Saċerdoti u anke l-lajċi huma mistiedna jattendu, speċjalment il-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin, l-Animaturi, u Letturi.